# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum l-Erbgħa erbatax (14) ta' Mejju, 2025**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni.: 675/2025/1 MH**

**Stephanie Louise Grech; Lawrence Azzopardi; Ian Azzopardi; Louis Attard; Terence Attard; Christian Attard; Adam De Brincat; James Jude Attard Ellis; George Attard; Jonathan Grech; George Grech; Josil Azzopardi; Matthew Formosa; Owen Anthony Calleja; Johnny Bigeni; Ian Muscat; Abela and Hearn Ltd; Pleasure and Leisure Ltd; Powerboat Rides Malta Ltd; Blue Waves Marine Company Limited; JRW007 Ltd; Barbarossa Excursions Limited; Happy and Nis Ltd; Hornblower Company Limited; Hera Cruises Ltd; Cominology Limited; Ebsons Limited; Luzzu Cruises Limited; Adventure Cruises Sliema Ltd; SNF Operators Limited u Supreme Travel Ltd**

**Vs**

**Segretarju Permanenti tal-Ministeru tat-Turiżmu;**
**Segretarju Permanenti tal-Ministeru t'Għawdex u tal-Ippjanar;**
**Segretarju Permanenti tal-Ministeru tat-Trasport Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi;**
**L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta; u**
**L-Awtorita' għat-Turiżmu f'Malta;**
**l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur għall-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni datat 28 ta' April, 2025, biex l-intimati jew min minnhom jiġi miżmum milli:

*"1. Ddaħħlu fis-seħħ regolamenti ġodda li jirregolaw l-operazzjonijiet tas-servizzi tat-trasport kummerċjali marittimi a bażi tal-Expression of interest u Port Notice no. 043/2025 li ħarġet l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena 2025 u fil-ħamsa u għoxrin ta' April, rispettivament, bi ksur ta' l-Artikolu 106 tat-Trattat Dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat Dwar il-Funzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, (kopja tal-Expression of Interest u Port Notice hawn annessi u mmarkati bħala Dok A)*

*2.Ikabbru ż-żona tal-għawm diġà eżistenti ġewwa l-Blue Lagoon u jżidu żweġ żoni ġodda skont il-local Notice to Mariners No.26/2025 li ħarġet l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (kopja hawn anness u mmarkat bħala Dok B).*

Rat l-ewwel digriet tagħha datat[1] 29 ta' April, 2025 u dak tat-30 ta' April 2025 fejn intlaqa' dan il-mandat b'mod proviżorju fuq il-pretest li dawn ir-regolamenti, dawk ilmentati kienu għadu ma daħalx fis-seħħ.[2]

Qieset li in suċċint l-ilment tar-rikorrenti hu li huma se jiġu milquta bil-mod kif joperaw il-*boats* tagħhom li bihom jieħdu turisti lejn Kemmuna, minħabba l-mod u ħin ta' kontroll fuq kull turist fuq il-Gżira u l-ibħra tagħha, wkoll li la se tikber iż-żona ta' l-għawm, se jitnaqqas dan għall-użu tal-bastimenti tagħhom.

[1] Folio 276.
[2] Folio 288, dan wara rikors ta' l-intimati a folio 280.

Jilmentaw li dan il-bdil regolatorju jolqot investimenti kbar tagħhom fis-settur.

Ukoll li hemm operaturi oħra li għandhom kundizzjonijiet differenti, aktar vantaġġużi mill-ħin allokat lill-viżitatur, isemmu l-Co-op. Jinvokaw ksur tal-T.F.U.E. senjatament fejn tidħol regolariżżazzjoni ta' kompetizzjoni.

Rat ir-risposta oppożitorja ta' l-intimati kollha[3] fejn senjatament apparti li għamlu enfażi fuq il-fatt li kull min kien interessat u hekk milqut ġie mistieden mill-Awtorita' tat-Trasport biex jipparteċipa fl-*Expression of Interest* (EOI) maħruġa u kellhom kull opportunita' jgħidu tagħhom, jżidu li r-rikorrenti naqsu da parti tagħhom li jipprovdu informazzjoni ta' kif se jiġu milquta finanzjarjament.

Ġie spjegat li fuq is-sit elettroniku ta' l-Awtorita' tat-Trasport jiġu ippubblikati erbgħa avviżi senjatament il-*Port Notices, Local Notice to Mariners, Coastal Notice to Mariners u Lista ta'Warrants of Arrests.*

Ukoll li meta l-Awtorita' tippubblika avviż, dan jista' jiġi revokat biss b'avviż ieħor maħruġ għal dan il-għan, kif fil-fatt jidher li sar fil-konfront il-*Port Notice* attakk, **u dan mingħajr ebda ordni ta' din il-Qorti għalhekk.**[4]

---

[3] Folio 307
[4] Dan wara li l-Qorti laqgħet id-digriet b'mod proviżorju.

Jispjegaw illi l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta aġixxiet bis-setgħa tal-Liġi, Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tirregola dak li huma affarijiet marittimi, ukoll trasport marittimu f'dan il-każ għall-protezzjoni tal-Gżira ta' Kemmuna.

Ġie spjegat li l-Expression of Interest, EOI imsemmija ma kienetx tagħti ebda dritt awtomatiku ta' operat, kienet intiża biex tivvaluta r-rekwiżiti ta' liċenzjar u l-kundizzjonijiet regolatorji meħtieġa.

Għall-aħjar maniġġjar u protezzjoni tal-Gżira ta' Kemmuna, wara li sar studju ta' l-impatti negattivi li influss kbir ta' turisti anke f'ġurnata waħda[5], għandu fuq il-Gżira ta' Kemmuna, għalhekk biex jiġi protett l-ambjent, l-ekosistema u l-biodiversita', in partikolari imma mhux esklussivament, għar-rikors in deżamina, tal-*Blue Lagoon*, sar l-imsemmi EOI. Wara l-konsultazzjoni msemmija l-Awtorita' kompetenti ħarġet fil-25 ta' April, 2025 l-Avviż Portwali, wkoll *Port Notice*, 3 tas-sena 2025 li hu intiż biex *inter alia* jirregolarizza l-influss ta' nies u dgħajjes fil-*Blue Lagoon* u nżul ta' passiġġieri fuq l-art, b'dan li kull passiġġier hekk intiż irid jakkwista *QR Code* u jkollu *time slot* ta' erba' siegħat, bit tlett *slots* ta' l-istess ħin kuljum.

[5] Jissemma l-ammont ta' 12-il elf persuna fuq l-istess Gżira f'ġurnata waħda.

L-Awtorita' ħarġet ukoll fit-23 ta' April, 2025 Avviż Lokali lill-baħħara Nru. 046 tas-sena 2025 biex tavża lill-baħħar u operaturi ta' bastimenti li ġie estiż iż-żona riservata għall-għawwiema f'Kemmuna.

Ikkunsidrat:

Dan spjegat, tifhem u ġie hekk mitqal lilha fit-trattazzjoni fit-tul mill-avukat tar-rikorrenti illi b'dawn in-*Notices* imsemmija, b'mod partikolari dik li kienet tolqot l-ammont ta' ħin li setgħu jdumu l-viżitaturi fuq Kemmuna, ħin akkwistat *on line* bi *QR CODE* appożita, illi kienu se jiġu effettwati negattivament u finanzjarjament ir-rikorrenti għal żewġ raġunijiet prinċipali; għaliex ġia kienu ħadu *bookings* ma' aġenziji turistiċi għall-iskop ta' nżul mhux hekk ikkontrollat fuq il-Gżira ta' Kemmuna, wkoll għaliex min kien juża s-servizzi tal-oħrajn bħall-*Co-op*, ma kienux marbuta b'limitu daqshekk strett ta' erba' siegħat ħin allokat lit-turisti. Anzi min kien juża dan il-mezz biex jasal Kemmuna seta' jibqa' fuq il-Gzira ġurnata sħiħa. B'hekk kienu qed jattakkaw dawn ir-regolamenti bażikament fuq *unfair competition* kif spjegat fir-rikors promotur, u konsegwenti telf ta' qliegħ. Ta' dan il-Qorti ġiet murija komunikazzjoni minn bank lokali lil wieħed mill-operaturi rikorrenti dwar kif dawn ir-regolamenti setgħu jimpattaw il-faċilita' bankarja tieghu. Intqalilha wkoll li dan seta' jwassal għal falliment tal-operaturi.

Mogħtija din ir-rassenja fattwali ta' dak li xpruna din l-azzjoni, inevitabbilment il-Qorti tagħmel referenza għal dawk ir-rekwiżiti li trid il-liġi nostrali biex tara jekk it-talba tistax issib suċċess.

L-artikolu 873 tal-Kap 12 jagħti stampa ċara ta' dawk li huma r-rekwiżiti meħtieġa *ad validatem* biex jkollha suċċess talba għal dan il-mandat.

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta'preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.Eżami tal-qorti.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*
>
> ***(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.***
>
> *(4) Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibitaaġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il- qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilhakompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna likontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar biksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawkix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjez tal-persuna inibita."*

Tibda l-Qorti biex b'mod ristrett telenka dawk li huma l-elementi kostituttivi għall-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni:

- Hu sew miżmum u stabbilit li l-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri mhux dak ta' approfondiment sal-livell probatorju mitluba f'kawża proprja, hawn basta li dak li qed jiġi vantat jidher mad-daqqa t'għajn.

- Għalhekk ir-rikorrenti jinħtieġ juru li *prima facie* hemm jedd pretiż minnhom li jinħtieġ jiġi protett;

- Juru, li mad-daqqa t'għajn għandhom dak il-jedd;

- Żvilupp ġurisprudenzjali wassal ukoll li jiġi stabbilit jekk din il-kawtela ma tinħariġx, ir-rikorrenti jbatu preġudizzju tali li jkun wieħed irreparabbli u irrimedjabbli. Naraw lit-test Ingliż juża l-kelma *necessary* fir-rigward, għalhekk hu ċar li hemm ħtieġa mhux sempliċiment xewqa jew xelta proċedurali ta' użu ta' dan l-att kawtelatorju, biex dan ir-rekwiżit jiġi sodisfatt;

- Oltre hekk hu wkoll miżmum illi dawn ir-rekwiżiti huma ta' natura kumulattiva;

- Ukoll li l-eżami li l-Qorti trid tagħmel fir-rigward huwa wieħed oġġettiv.

Pero', hawn il-Qorti hi mitluba li teżamina talba li taqa' sew sew taħt is-sub-inċiż tlieta, muri hawn b'tipa grassa. Dan is-sub-artikolu tlieta jżid u jagħmel aktar onoruż l-elementi mitluba.

Għalhekk meta jintalab mandat ta' Inibizzjoni kontra kull entita' hemm imsemmija, kif inhu l-każ, jinħtieġu li jiġu sodisfatti elementi oħra:

- Fl-ewwel lok jinħtieġ li ***kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir; ukoll,***

- ***il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma,*** in poche paroli l-bilanċ ta' preġudizzju

soffert se jkun aktar aggravanti fuq ir-rikorrenti milli fuq is-soċjeta' in ġenerali bil-kontra, jekk il-ħaġa ilmentata sseħħ.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi wieħed mill-argumenti prinċipali kontra l-ħruġ ta' dan il-mandat hu li dan il-mezz kawtelatorju ma jistax jintuża biex jinżamm dak li ġia sar. Hemm provedimenti kopjużi dwar dan, anke ta' din il-Qorti kif preseduta, ċioe' li l-kliem tal-liġi huma intiżi biex iżommu milli jsir, mhux li jitreġġa lura dak li ġia sar.

Għalhekk kif sew riprodott fir-risposta tal-intimati din il-kawtela tista' tiġi applikata **biss** fir-rigward ta' obbligazzjoni *di non fare* u mhux *di fare*.

Hu anke rilevanti għal dan l-eżami li mkien u ħadd mill-intimati ma talab u l-Awtorita' kompetenti nnifisha, naqset li di *sua sponte,* jew għax mitluba mill-intimati, li tagħmel dik id-dikjarazzjoni mitluba u meħtieġa mill-liġi kif ġia senjalat.

Dan, da parti ta' l-Awtorita' tat-Trasport huwa loġiku għax l-argument tal-intimati hu li dak li qed jintalab li qed jiġi miżmum kien fil-fatt sar. Li kien baqa' biss hu li jidħol fis-seħħ. Imma l-Awtorita kienet ġia rregolat il-vertenza għall-

protezzjoni ta' Kemmuna u l-ibħra tagħha. Ħarsa lejn il-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta wieħed isib li bla dubbju lill-Awtorita' tat-Trasport għandha kull jedd li toħroġ b'dawn l-avviżi li jservu ta' regolariżżazzjoni u ggwidar tas-suġġett milqut, f'dan il-każ Kemmuna u l-baħar tagħha, li ovvjament jolqot allura kull biċċa tal-baħar li żżur għax-xogħol jew divertiment din il-Gżira.

Dawn huma funzjonijiet sew elenkati fl-artikolu 6 u 8 in partikolari tal-Kap imsemmi.

Bla dubbju għalhekk li kull avviż li ħarġet l-Awtorita' għamlitu f'qafas legali u għamlitu wkoll qabel ma ġie intavolat dan il-mandat. Dan mhux ikkontestat mill-intimati. Fil-fatt *di sua sponte* huma anke esebew ***Revocation of Port Notice* 03 ta' 2025[6] fejn jidher li l-*Ports and Yachting Directorate*** fi ħdan Trasport Malta rrevokat il-*Port Notice* msemmi wkoll milqut bil-mandat ta' Inibizzjoni.

<u>**Per preċiżjoni għandu jingħad li dan sar mid-Direttorat *di sua sponte* u din il-Qorti ma ordnat qatt ir-revoka msemmija.**</u>

<u>**Il-loġika għalhekk tiddetta li ma jistax jiġi revokat dak li mhux.**</u>

[6] Folio 357.

Isib li għalhekk it-talba ta' l-intimati mhux waħda legalment sostenibbli għaliex dak mixtieq li ma jsirx kien fil-fatt ġia regolat. Il-fatt li l-*Port Notice* innifsu kien għadu ma daħħalx fis-seħħ ma jfissirx li ma kienx hemm regolazzjoni ġia ppubblikata mill-Awtorita'. L-istess intimati fil-fatt jammettu dan meta fir-rikors promotur jistipulaw li fit-23 ta' April, 2025 inħareġ *Local Notice to Mariners No.046/2025 -Zones Reserved for Swimmers in Comino*, ukoll li kien inħareġ il-*Port Notice* 03/2025 fil-25 ta' April, 2025, sew qabel il-preżentata ta' dan il-mandat.

**Imma anke kieku kif issostnu l-intimati li l-*Port Notice* kien se jidħol fis-seħħ wara, xorta jibqa' mankanti dik id-dikjarazzjoni li trid il-liġi kif jaqra s-sub inċiż tlieta ta' l-artikolu 873.**

Intopp ieħor li tirriskontra l-Qorti hu fil-konfront ta' dik il-ħsara li l-liġi tikkawtela b'dan il-mandat. Issa mhux biss wieħed irreparabbli u irrimedjabbli, imma l-kejl jikber fis-sens li din il-ħsara trid tkun tali, li meta mqiegħda fuq miżien ta' proporzjon, dan ixeqleb kontra l-intimati komparat ma' l-interess ġenerali.

Ma tridx wisq biex tifhem x'inhu l-interess ġenerali li hawn qed jiġi protett, il-Gżira ta' Kemmuna u l-ibħra tagħha b'mod partikolari l-famuż *Blue Lagoon*. Ġia

smajna u ma ġiex kontradet, illi hemm influss qawwi ta' turisti fuq din il-biċċa Gżira, anke eluf kuljum, bl-impatt ambjentali li jitħalla kemm fuq l-art ukoll fil-baħar ċirkostanti.

**Din il-protezzjoni hija waħda li bla dubbju tolqot l-interess Nazzjonali u Ġenerali. Dan huwa interess ta' kulħadd u suprem fejn jidħol il-maniġġjar ta' turisti li jibqgħu kontribut qawwi fl-ekonomija lokali. Għandha wkoll tkun ta' interess primarju għal kull min jaqla' ħobżu mill-operat madwar din il-Gżira. Dan meqjus mhux diffiċli tifhem kemm hu impellenti l-interess nazzjonali għal konservazzjoni ta' din il-Ġżira.**

Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jressqu lanjanza ta' ksur ta' *pretended u legitimate rights*, ta' kompetizzjoni inġusta, ukoll konsegwenti danni minħabba investimenti li għamlu f'xogħolhom u kif dawn ir-regolamenti dibattuti se jolqtuhom lilhom waqt li jivvantaġġjaw oħrajn.

Sa hawn il-Qorti tifhem il-jedd pretiż.

Pero', tfakkar il-Qorti li l-apparti dan il-miżien ta' sproporzjon, dejjem wieħed irid iżomm f'moħħu li l-preġudizzju soffert irid ikun tali li ma jsibx sodisfazzjon

mod ieħor. Dan joħroġ awtomatikament mill-fatt li dan il-mandat hu tenut ta' natura speċjali u wieħed ta' stretta applikazzjoni. Fil-fatt, kontrarjament għall-atti kawtelatorji oħra, hemm anke s-smiegħ tiegħu maħsub.

Preġudizzju li jista' jiġi paċut b'mod pekunjarju ma jista' qatt jissejjaħ irrimedjabbli, irreparabbli, lanqas ma hu tant impellanti li jsir neċessarju, għax hemm kawteli oħra li jistgħu jassiguraw li r-rikorrenti jsibu s-sodisfazzjon tagħhom. Ladarba l-ilment ta' l-intmati hu, meta tagħsar, wieħed pekunjarju tant li jitkellmu fuq investimenti, fallimenti u possibbiltà' ta' *call in* tal-banek, allura ma jeżisti xejn li hu irreparabbli.

**Konsegwentement, tiċħad it-talba kif dedotta bl-ispejjeż għall-intimati.**

**Tirrevoka *Contrario Imperio* d-digriet tagħha fejn laqgħet it-talba b'mod proviżorju.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**